**11 ta' Diċembru 1967.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, B.A., K.M., LL.D., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S., Viċi-President**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Angelo Mangion

*versus*

Agostina Mangion

**Appell — Nullità ta' — Punt ta' liġi — Ġustizzja Naturali — Bord tal-Kera.**

*Vjolazzjoni ta' principju ta' ġustizzja naturali fil-proċeduri quddiem il-Bord tal-Kera, per se ma jagħtix lok għall-appell, bħala kwistjoni ta' liġi, iżda jista jagħti lok għall-rimedju ieħor, per eżempju dikjarazzjoni ta' nullità tad-deċiżjoni tal-Bord quddiem il-Qrati ordinarji jew ritrattazzjoni.*

Il-Qorti, rat ir-rikors;

Rat it-tweġiba;

Rat id-deċiżjoni tal-Bord tas-27 ta' Ġunju, 1967 li, biha billi mir-rapport tal-membri tekniċi tal-Board anness mad-deċiżjoni, kien jirriżulta li l-kera xieraq huwa ta' £32 għall-fond (new house) 5, Main Street, Gudja, eskluża l-alterazzjoni li għamel l-inkwilin taħt li schema tas-substandard houses, stabilixxa l-kera għall-£32 fis-sena mit-30 ta' Settembru, 1967 jitħallas bis-sitt xhur bil-quddiem; riparazzjonijiet interni ordinarji għall-inkwilin, u ordna li l-ispejjes jitħallsu nofs mill-intimat u nofs mir-rikorrent.

Rat ir-rikors li bih l-imsemmi Angelo Mangion appella minn dik id-deċiżjoni u talab li tiġi dikjarat nulla u ta' ebda effett biex l-istess kawża titkompla u l-kera xieraq jiġi stabbilit minn din il-Qorti jew il-kawża tiġi rinvjata quddiem l-istess Bord biex il-kera jkun fissat minnu skond il-liġi — bl-ispejjes kontra l-appellat.

Rat ir-risposta ta' l-appellat Agostino Mangion li biha, preliminarjament eċċepixxa l-inappellabilità tad-deċiżjoni tal-Bord peress li fiha ma ġie regolat ebda punt ta' liġi: indipendentement minn dan dik id-deċiżjoni li anki ġusta fil-meritu.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Id-deċiżjoni appellata ġiet mogħtija fis-27 ta' Ġunju, 1967. Skond il-verbal tat-23 ta' Mejju, 1967, il-kawża kienet ġiet differita għal dik id-data "għall-eżami fond u eżami dokumenti u finali trattazjoni". Mill-verbal kif miktub jidher illi għall-ewwel il-kawża kienet ser tiġi differita "għall-eżami fond u sentenza": iżda mbagħad il-kelma "sentenza" ġiet imħassra u ġew, flokha, miżjudin il-kliem l-ieħor hawn fuq imsemmi.

Issa l-ilment ta' l-appellant hu appuntu dana, ċioè illi l-Bord ma missux u ma setax legalment jagħti s-sentenza dik inhar li taha qabel ma hu ġie mogħti l-opportunita skond l-imsemmi verbal li jipprova u jittratta l-eċċezzjonijiet tiegħu. B'dan il-mod, l-appellant jgħid, hu ġie preġudikat għaliex fl-intervall hu kien ġa lesta rapport ta' kritika għad-dokumenti u xhieda ta' l-appellat u kien inkariga lill-Perit Carmelo Fenech biex jassistih u kien qiegħed jistenna li jissottometti dan kollu lill-Bord fis-seduta tas-27 ta' Ġunju, meta b'sorpriża għalih sab li s-sentenza kienet ġa inkitbet u ġiet dik inhar pronunzjata.

Ovvjament m'hemmx dubju illi dan l-ilment hu ġustifikat. Bħala fatt l-appellant ġie ipprivat mill-opportunita li kellu dritt għaliha skond l-imsemmi verbal li jissottometti r-raġunijiet tiegħu quddiem il-Bord. B'dana kollu pero, l-appellat jissottometti illi d-deċiżjoni tal-Bord m'hiex appellabbli: hawn si tratta ta' deċiżjoni fuq fissazzjoni ta' kera fejn id-dritt ta' appell hu mogħti biss fuq punt ta' liġi deċiż fid-deċiżjoni u — jgħid l-appellat — fil-każ preżenti m'hemm ebda punt ta' liġi deċiż fid-deċiżjoni appellata.

Il-każ "Cassar Desain vs Pace", rigward il-kwistjoni rilevanti, kellu fattezzi sostanzjalment analogi għal każ preżenti: il-Bord kien ta s-sentenza fil-meritu meta l-kawża kienet ġiet differita għal dik inhar biex tingħata deċiżjoni

fuq punt preliminari. Din il-Qorti, bis-sentenza tagħha ta' l-4 ta' Diċembru, 1964 irriteniet illi b'dak il-mod kienet ġiet kommessa irregolarità li tammonta għal vjolazzjoni ta' prinċipju ta' ġustizzja naturali in kwantu li l-parti interessata ma kienitx ġiet mogħtija l-opportunità li tissottometti l-każ tagħha. Il-Qorti żiedet tgħid illi din ma kienitx kwistjoni ta' sempliċi "forma", f'liema każ ma kienitx tannulla s-sentenza hlief jekk kien ikun jidhrilha illi, fis-sostanza, ma kienitx ġusta, imma si tratta ta' każ fejn is-sentenza ma messiex u ma setgħatx legalment tingħata meta ingħatat: u l-Qorti annullat is-sentenza tal-Bord u irrinvjat l-atti tal-kawża quddiem il-Bord biex targa tiġi regolarment deċiża.

Iżda, kif l-appellat ġustament irrileva fir-risposta tiegħu, f'dik il-kawża il-kwistjoni ta' l-appellabilità o meno ma kienitx tqum, għax dik kienet kawża ta' żgumbrament u, fil-emenda li kienet saret fl-1961 fl-artikolu 25 tal-Kap. 109, id-dritt ta' appell f'kawża ta' żgumbrament kien sar ġenerali.

Għalhekk il-kwistjoni tibqa jekk fil-każ preżenti jistax jingħad illi hemm punt ta' liġi li jagħti lok għall-appell.

Fis-sentenzi ta' din il-Qorti fil-kawżi "Zammit vs Micallef" (13 ta' Frar, 1959) u "Bugeja vs Mizzi" (5 ta' Ottubru, 1959) ġie ritenut illi vjolazzjoni ta' prinċipju ta' ġustizzja naturali fil-proċeduri quddiem il-Bord, per sè ma jagħtix lok għal appell, bħala kwistjoni ta' liġi, iżda jista jagħti lok għal rimedju ieħor, per eżempju dikjarazzjoni ta' nullità tad-deċiżjoni tal-Bord quddiem il-Qorti Ordinarji (kif sar fil-kawżi Vol. XXXVII, II, 675 u Vol. XXXIX, I, 396) jew ritrattazzjoni jekk il-każ ikun wieħed minn dawk li għalihom skond il-liġi jikkompeti dan ir-rimedju. Ukoll fil-kawża "Psaila vs Mamo" deċiża fis-16 ta' Mejju, 1966 din il-Qorti irriteniet illi n-nullità ta' deċiżjoni tal-Bord minħabba xi irregolarità fil-proċeduri per sè ma tagħtix lok għall-appell bħala distint

mian proceduri impunjattivi oħra fuq il-bażi ta'......... inosservanza tar-regoli tal-ġustizzja naturali.

Il-Qorti, għalkemm reġgħet ħasbet ħafna fuq il-kwistjoni, ma jidhrilhiex li għandha tiddipartixxi minn dawk il-preċedenti. Jista jidher illi hu illoġiku u nkonvenjenti li parti aggravata bi vjolazzjoni "ex hypotesi" gravi ta' proċedura għandha tkun kostretta li tirrikorri għal rimedju straordinarju ta' impunjazzjoni meta l-irregolarità tkun magħrufa fiż-żmien permess għal l-appell u r-rimedju jista jingħata b'din il-proċedura ordinarja ta' impunjazzjoni. Iżda ġa la darba l-appell lil din il-Qorti f'ċerti każijiet hu ristrett mill-istess liġi l-Qorti ma tistax tallarga jew testendi dan ir-rimedju.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa l-eċċezzjoni ta' inappellabilità sollevata mill-appellat, u tiddikjara l-appell irritu u null, spejjes mingħajr taxxa salv kull rimedju ieħor li l-appellant jista għandu skond il-liġi.